**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 10/2016**

| | |
|---|---|
| **Data:** | 12 ta' Diċembru 2016 |
| **Ħin:** | 05:25pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN

Ċivitas Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | Joe Attard - Sindku (skużat fis-6.55pm) |
| | Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku |
| | Amanda Abela - Kunsilliera (mis-5.50pm) |
| | Joan Agius - Kunsilliera (skużata fis-6.10pm) |
| | Claude Camilleri - Kunsillier |
| | Raymond Caruana - Kunsillier (mis-5.40pm) |
| | Sean Chircop - Kunsillier |
| | Stephania Fenech - Kunsilliera |
| | Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |
| | Angelo Caruana - Assistent Prinċipali |
| **Skużat** | Joseph Hales - Kunsillier |
| | Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **10.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġija** |
| **10.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **10.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **10.4** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **10.5** | **Rapport Finanzjarju Lulju - Settembru 2016** |
| **10.6** | **Kwotazzjonijiet Xmas Lights** |
| **10.7** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **10.8** | **Mozzjonijiet u Affarijiet oħra** |
| **10.9** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**10. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li s-Sur Hales ma setax jattendi għas-seduta għax kien indispost | |

**10. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 10. 2. 1 | | Proponent: Sindku<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 09/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet | |
| | 09.05.01 | Chircop | Li l-isem tat-Triq għandu jaqra Triq Dedomenico | |
| | 09.02.11 | Viċi-Sindku | Li l-quddiesa tqaddset minn L-Isqof Emeritus Pawlu Cremona | |
| 10. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**10. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 2 | 3 | 09.02.11 | Chircop: CCTV | Chircop staqsa dwar fiex wasal ix-xogħol ta' CCTV cameras fuq il-Bring-In-Sites. Segretarju wieġeb li dawn daqt jibdew jiġu installati mill-GreenPak | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 2 | 4 | 09.10.02 | Chircop: Attivita' tal-Halloween | Chircop qal li l-attivita' ta' Halloween saret u nġabru 961kg ta' ikel | Chircop |
| 10 | 2 | 5 | 09.10.03 | Chircop: Fiera tal-NGO's | Chircop qal li l-grupp ŻOEY ħa sehem fil-fiera tal-NGO's u kellhom kliem ta' tifħir mill-ispeaker Anġlu Farrugia | Chircop |
| 10 | 2 | 6 | 09.10.04 | Chircop: Kunċert fuq l-orgni | Chircop qal li l-kunċert sar u kien hemm attendenza tajba ħafna | Chircop |
| 10 | 2 | 7 | 09.10.05 | Chircop: Bandist tas-sena | Chircop qal l-ismijiet tal-bandist tas-sena għadhom ma waslux | Chircop |
| 10 | 2 | 8 | | Chircop: Kummissjoni Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li l-kummissjoni għaddejja bil-ħidma tagħha sabiex taħseb għal dan il-premju u tfassal sett ta' regolamenti biex jiġu preżentati lill-Kunsill | Chircop |
| 10 | 2 | 9 | 09.02.10 | Camilleri: Librerija | Camilleri nforma l-kunsill li r-rinovazzjoni tal-librerija saret kif pjanat u ġiet irraportata fil-media u li b'dispjaċir ma ssemiex il-Kunsill | Camilleri |
| 10 | 2 | 10 | | Chircop: Hike | Chircop qal li l-Hike sar u li kien suċċess b'attendenza tajba | Chircop |
| 10 | 2 | 11 | 09.08.07 | Camilleri: Lezzjonijiet tal-privat | Camilleri avża li dawn mhux se jsiru peress li kien hemm ftit applikanti | Camilleri |
| 10 | 2 | 12 | 09.02.04 | Agius: Tilqima tal-influwenza | Agius avżat li ingħatat it-tilqima u li ġew imħallsa n-nurses li taw is-servizz tagħhom | Agius |
| 10 | 2 | 13 | 09.10.09 | Agius: Boroż ħodor | Agius qalet li t-tqassim tal-boroż sar u qed jinġabru mill-kunsill ukoll minn dawk ir-residenti li ma kienux id-dar waqt it-tqassim | Agius |
| 10 | 2 | 14 | 09.10.10 | Agius: Kids Club | Agius qalet li l-attivita' tal-Kids Club saret u żaru l-anzjani | Agius |
| 10 | 2 | 15 | | Agius: Ħarġa għal Esplora | Agius qalet li din saret u kienet suċċess | Agius |
| 10 | 2 | 16 | 09.10.13 | Agius: Party tal-Milied għat tfal | Agius informat lil Kunsill li l-party tal-Milied għat tfal se sir fit-30 ta' Diċembru 2016 | Agius |
| 10 | 2 | 17 | 09.10.12 | Agius: Pantomima | Agius qalet li x-xoghol fuqha ghaddej u kulħadd huwa mistieden | Agius |
| 10 | 2 | 18 | 09.10.11 | Agius: Żjara tal-President | Agius informat lil Kunsill li din ġie posposta għal data oħra minħabba l-maltemp | Agius |
| 10 | 2 | 19 | | Agius: Żjara lill-anzjani | It-tfal żaru l-anzjani bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied | Agius |
| 10 | 2 | 20 | 09.10.28 | Viċi-Sindku: One way Triq Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku qalet li kitbet residenta dwar din il-problema u għadha bla risposta. Sean staqsa jekk jistawx jiġu rranġati l-ħinijiet | Viċi-Sindku |
| 10 | 2 | 21 | 09.03.03 | Fenech: Premju Żagħżugħ tas-sena | Fenech staqsiet jekk ġiex nnominat xi ħadd. Chircop qal li din kienet immirata għal żgħażagħ li waslu fil-komunita f'sens reliġjuż | Fenech |
| **10** | **3** | | | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** | | |

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/16. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 3 | 1 | | Tieġ fi Ġnien San Girgor - Sena 2017 | Il-Kunsill qabel li l-prezz għandu jiġi ċċekjat ma' ammonti li jitħallsu lil kunsilli oħra. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 2 | 35 | Godwin Muscat - Ittra ta' riżenja | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-kunsill li s-Sur Godwin Muscat tefa r-riżenja tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir mid-Dipartiment dwar in-notice li baqa tinħadem. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 3 | 34 | Servizz - G4S | Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt ma' G4S Security Services ġej fi tmiemu u l-Kunsill qabel li dan għandu jiġi mġedded | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 3 | 4 | | Wee Malta - Skart elettroniku | Wee Malta ser jagħtu trolleys sabiex jinġabar skart elettroniku. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekjaw jekk għadniex fil-ħin biex nagħtu dan is-servizz. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**10. 5. Rapport Finanzjarju Lulju - Settembru 2016**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 5 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Rapport Finanzjarju | Ġie ppreżentat r-rapport finanzjarju fejn fost oħrajn ġie nnotat li nġabru parti sostanzjali mill-flus li ntefqu fuq il-proġetti Miżura 313 (Proġett ta' Strejnu) u Miżura 413.A5 (Tisbiħ fuq skala żghira | **Segretarju** |

**10. 6. Kwotazzjonijiet Xmas Lights**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 6 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Tender Xmas Lights | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsillli it-tender għalqet u intefgħet offerta waħda mingħand Lawrence Cassar li kienet tammonta għal €2,600 esklusi l-VAT. Il-Kunsill qabel li tingħtażel din l-offerta . | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 6 | 2 | | **Sindku: Armar tal-arbli** | Is-Sindku staqsa għalfejn għadhom ma ġewx armati l-arbli li magħhom ser jitwaħħal it-tiżjin tal-Milied. Segretarju qal li qed jitkellmu ma' tal-armar dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 7 | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 7 | 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 10/16 | Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 10/16 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 7 | 3 | | Talbiet għal Xiri Seduta 10/16 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 7 | 4 | | Petty Cash - Ottubru 2016 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Ottubru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €150.56 | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 7 | 5 | | Pagament ta' Michael Cumbo - ZZ'16 | Il-Kunsill approva wkoll pagament ta' Michael Cumbo li jammonta għal €820 peress li kien għadu ma daħalx fl-iskeda tal-pagamenti | |
| **10** | **8** | | | **Mozzjonijiet u Affarijiet oħra** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 8 | 1 | | Segretarju Eżekuttiv: E-tenders | Il-Kunsill qabel li dawn il-persuni, Fenech u Hales ser ikunu qed jiftħu il-kuntratti, filwaqt li l-Viċi-Sindku, Agius u Caruana ser ikunu qed jiġġudikaw il-kuntratti mitfugħa permezz tas-sistema tal-e-tendering u wara jirrakomandaw lil Kunsill għall-approvazzjoni | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 8 | 2 | | Proponent: Amanda Abela<br>Sekondant: Caruana | Abela resqet mozzjoni, sekondata minn Caruana, titlob li r-residenti Żwieten għandhom ikunu jafu sew bil-pjan ta' emerġenza f'każ li jinqala xi ħaġa dwar l-LNG tanker. Is-Sindku ressaq emenda li l-ewwel għandna nistaqsu u nkunu nafu x'inhu l-pjan ta' emerġenza dwar it-tankijiet tal-fuel ta' Birżebbuġa. Din ġiet sekondata u wara li ttieħed vot, din l-emenda għal mozzjoni għaddiet b'4 voti favur u 2 kontra. | Abela |
| 10 | 8 | 3 | | Fenech: Proġett tan-naħal | Fenech staqsiet dwar kif sejjer il-proġett tan-naħal. Is-Sindku wieġeb li dan beda u għandna l-ewwel sitt naħliet purament maltin. | Sindku |
| 10 | 8 | 4 | | Fenech: Health Promotion Aerobics | Fenech informat lill-Kunsill li ser jibda block ieħor ta' sessions filgħaxija u ta' filgħodu ser tieqaf għax naqset il-konkorrenza | Fenech |
| 10 | 8 | 5 | | Fenech: Free Wi-Fi | Fenech informat li l-free wi-fi fi Ġnien iż-Żgħożija, SkatePark u Pjazza Gregorio Bonici inxtelgħu | Fenech |
| 10 | 8 | 6 | | Fenech: Movie Night | Saret l-attivita' u saret ukoll sleep over | Fenech |
| 10 | 8 | 7 | | Fenech: Christmas Bash | Ser isir re-union maż-żgħażagħ fl-20 ta' Diċembru | Fenech |
| 10 | 8 | 8 | | Fenech: Il-ħajt bit-tappijiet | Dan intogħġob ħafna u hemm il-ħsieb li jsir ieħor bil-logo | Fenech |
| 10 | 8 | 9 | | Fenech: Xogħol volontarju | Ser isir xogħol volontarju ma' Richmond Foundation | Fenech |
| 10 | 8 | 10 | | Chircop: L-Għoti tat-Titlu ta' Belt | Fil-31 ta' Diċembru qabel il-Kunċert ser jerġa jitfakkar l-għoti tat-Titlu ta' Belt | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 8 | 11 | Chircop: Bolol | Ser jinħarġu żewġ bolol biex ifakkru il-15 -il sena tal-Għaqda tal-Filatelija kif ukoll t-80 sena tal-ewwel Għaqda tal-Filatelija. Ser tibda terġa tinħareġ ir-rivista li kienet tinħareġ | Chircop |
| 10 | 8 | 12 | Chircop: Żjara lill-Creche tal-Ursolini | Fid-29 ta' Diċembru ser issir żjara lil-Creche tal-Ursolini | Chircop |
| 10 | 8 | 13 | Chircop: Applikazzjonijiet Konkors Letterarju | Chircop informa li ser jiftħu l-applikazzjonijiet għal Konkors Letterarju | Chircop |
| 10 | 8 | 14 | Chircop: Parking fi Triq l-Isqof Zahra | Chircop qal li ġibdulu l-attenzzjoni dwar il-problema ta' parking fi Triq l-Isqof Zahra. Issuġerixxa li jsiru parking bays | Chircop |
| 10 | 8 | 15 | Chircop: Skart fi Triq Ħal Tarxien | Ġibed l-attenzjoni li qed jintrema skart fi Triq Ħal Tarxien ġol-għelieqi u sabiex tittieħed azzjoni biex dan jieqaf | Chircop |
| 10 | 8 | 16 | Chircop: Skedar ta' Muxrabiji | Chircop talab il-lista tal-iskedar li saru tal-Muxrabiji fiż-Żejtun | Chircop |
| 10 | 8 | 17 | Abela: Ħofra fi Tirq Emmanuel Galea | Abela rraportat li hemm ħofra taħt il-bankina sabiex tiġi rranġata fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea | Abela |
| 10 | 8 | 18 | Abela: Litter bins | Abela qalet li qed ikun hemm ħmieġ tal-klieb fejn l-iskola kindergarten u staqsiet jistax isir moniteraġġ | Abela |
| 10 | 8 | 19 | Abela: Triq Taltass | Abela qalet li fi Triq Taltass qed jinġabar ħafna ilma u staqsiet jistax isiru culverts | Abela |
| 10 | 8 | 20 | Caruana: Parkeġġ fi Triq Santa Marija | Caruana qal li hemm parkeġġ li qed jiġi ostakolat minn residenta. Talab li din is-sitwazzjoni tiġi revokata | Caruana |
| 10 | 8 | 21 | Caruana: Reserved parking quddiem l-għassa | Caruana staqsa jekk ir-reserved parking ta' quddiem l-għassa tistax tiġi timed. Ser jiġi ċċekjat jekk tistax tiġi mal-ħinijiet tal-berġa. | Hales |
| 10 | 8 | 22 | Caruana: Mera fi Triq Wied il-Għajn | Caruana staqsa jekk tistax titwaħħal mera fi Triq Wied il-Għajn. | Caruana |
| 10 | 8 | 23 | Caruana: Bollards waqt il-ħinijiet tal-iskola | Caruana staqsa jekk jistawx jitwaħħlu bollards fi Triq Antonio Micallef, fejn l-iskola waqt il-ħinijiet li joħorġu l-istudenti. Camilleri ser jitkellem mas-surmast biex jara jistawx li dawn jibdew jieħdu ħsiebhom sabiex jitwaħħlu u jinqalaw | Camilleri |
| 10 | 8 | 24 | Caruana: Bollards | Caruana ġibed l-attenzjoni li għad hemm imwaħħla żewġ bollards fi Triq il-Madonna tal-Ħniena u San Klement biex dawn jinqalaw | Hales |
| 10 | 8 | 25 | Caruana: Triq il-Ħotba | Caruana talab li jsir d-dawl fi Triq il-Ħotba sabiex jinqata l-abbuż tal-iskart. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lil-Enemalta għal dan. | Sindku |
| 10 | 8 | 26 | Viċi-Sindku: Rampa wara l-knisja | Il-Viċi-Sindku talbet li din issir malajr kemm jista' jkun | Viċi-Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 8 | 27 | Viċi-Sindku: Jum Dinji għal Persuni b'Diżabilita | Il-Viċi-Sindku informat lil Kunsill li din l-attivita' saret fil- 1 ta' Diċembru | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 28 | Viċi-Sindku: Ġnien Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku resqet ilment li waslilha dwar l-istat ħażin li jinsab fih Ġnien Luqa Briffa | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 29 | Viċi-Sindku: Tabella fi Triq il-Ħerba | Il-Viċi-Sindku informat lil Kunsill li hemm tabelli bl-isem tat-Triq imkissra. | Hales |
| 10 | 8 | 30 | Viċi-Sindku: Ġieh ir-Repubblika | Il-Viċi-Sindku informat lil Kunsill li s-sena d-dieħla ser tinnomina lil Tereża Camilleri għal Ġieh ir-Repubblika | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 31 | Segretarju Eżekuttiv: Laqgħa Pubblika | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li rċivejna ċirkolari biex il-laqgħa pubblika issir kmieni. Bħala Kunsill dejjem saret fi Frar meta jiġu ppreżentati l-Estimi Finanzjarji u l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju 2016 | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 8 | 32 | Segretarju Eżekuttiv: Assi tal-Kunsill | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' oġġetti miksura li ser jintremew | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Viċi-Sindku għalqet il-laqgħa fis- 7.10pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 16 ta' Jannar, 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-ufficċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv